MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Numru. 943/2003

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CHRIS PULLICINO**

**KONTRA**

**MICHAEL ZAHRA ta’ 39 sena, iben Alfred u Mary nee’ Spiteri, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-22.09.1971, residenti fil-fond numru 41, Triq il-Kampnar, Bormla, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 440071M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **MICHAEL ZAHRA** li gie akkuzat talli:

1. Nhar l-20 ta’ Settembru, 2003 xi hin wara nofsinhar, fi Triq Abate Rigord, Ta’ Xbiex, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn gewwa vettura bin-numru tar-

registrazzjoni JAN 938 fosthom hi-fi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitt lira izda mhux l-elf lira Maltin, u bin-natura tal-haga misruqa, u sar ghad-detriment ta' Anthony Schembri;

2. U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fil-vettura JAN 938 ghad-dannu ta' l-istess Anthony Schembri liema hsara hija ta' aktar minn Lm50.00 izda anqas minn Lm500.00;

3. U aktar talli kiser il-provvediment ta' l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' sentenza datata 20.03.2000 fejn kien gie misjub hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tnax-il xahar;

4. U fl-ahharnett talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 30) dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat li fi stadju ta' interrogatorju (folio 16) l-imputat iddikkjara li ma kienx hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu.

Xehed l-Ispettur Pullicino dwar suspett ta' involviment li seta' kellu l-imputat f'serqa minn gewwa vettura – ghalhekk baghat ghal Michael Zahra. L-istess imputat volontarjament ta l-impronti digitali tieghu, stante kif xehed l-Ispettur li fil-vettura derubata nstabu xi lifters. L-imputat irrilaxxa wkoll zewg stqarrijiet. Innega li kellu xi partecipazzjoni f'din is-serqa, anzi qal illi ma kienx jiftakar dan ir-reat. Qal illi dak iz-zmien mohhu ma kienx qed jiffunzjona sew.

John Mallia, mahtur ghal dan l-iskop, ezebixxa r-relazzjoni tieghu, Dok JM1, cioe' rapport fuq ezami komparattiv bejn l-impronti elevati minn fuq il-vettura derubata u dawk ta' l-imputat. Tali komparazzjoni tat fil-fatt rizultat fil-pozittiv. Ghalhekk instabu mpronti digitali ta' l-imputat fuq il-bieba ta' wara tax-xellug minn barra. (ara rapport ta' PS Jeffrey Hughes Dok JH a folio 38 et seq).

Xehed ukoll Anthony Schembri dwar il-fatt li kien insteraqlu stereo mill-vettura tieghu, liema stereo kien xtara versu l-prezz ta' Lm135.00 (Dok AS folio 53). Mistoqsi kienx jaf lill-imputat wiegeb fin-negattiv; jekk qatt rikkbux fil-vettura wiegeb fin-negattiv; jekk qatt tahx permess jitla' gol-vettura wiegeb fin-negattiv.

Rat ukoll id-diversi sentenzi ezebiti ghall-prova tar-recidiva.

Rat anke x-xhieda ta' Dr John Zammit Montebello, bhala Direttur tas-SATU dwar il-progress li ghamel f'din l-istess Agenzija l-imputat sas-sena 2009.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Ispettur Chris Pullicino u t-trattazzjonijiet tal-partijiet, specjalment dwar dik li ghandha tkun il-piena idonea.

Fl-ewwel lok pero qabel dan, hija l-fehma ta' din il-Qorti li Michael Zahra huwa hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu, wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, 325, 17, 533, 20 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Qieset ghalhekk it-trattazzjonijiet u s-sottomissjonijiet tal-partijiet. Qieset ukoll li frankament Michael Zahra ma gab ebda prova cara tal-progress li suppost s'issa ghamel f'hajtu, hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu u l-fatt li Zahra ma tantx kien jidher li kien qed jiehu opportunita' minn kull cans lilu moghti.

Ghaldaqstant, tqis illi l-piena karcerarja effettiva hija l-piena idonea, u qieghda tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sittax(16)-il xahar.
Rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €426.74.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------